# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 20**

**Rikors numru 504/07 JPG**

**Ambrose Zammit**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-attur minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' April 2013 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet billi: laqghet t-tieni u t-tielet talba tal-attur ghal dak li jirrigwardja proprjetà mobbli u immobbli kollha tieghu, salv ghas-segwenti effetti mobbli li ghandhom jibqghu konfiskati favur il-Gvern, jigifieri t-telefon cellulari, il-flus kontanti fl-ammont ta' LM895 u d-depoziti

bankarji tieghu li jirreferu ghall-perijodu bejn il-5 ta' Marzu 2003 sal-5 ta' Settembru 2003 u li huma elenkati fil-parti disposittiva tas-sentenza appellata, hlief ghad-depozitu effettwat fil-15 ta' Awwissu 2003 fl-ammont ta' LM1,100.

Il-Fatti

2. B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' Settembru 2006 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Frar 2007, l-attur kien instab hati ta' reati konnessi mal-abbuzz tad-droga u traffikar tal-istess fil-perijodu li jestendi ghal sitt xhur sal-5 ta' Settembru 2003 u, kien gie kkundannat ghal piena ta' 6 snin prigunerija u multa ta' LM3,800; ukoll il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli tal-attur, inkluz it-telefon cellulari u s-somma ta' LM895 li kienu go envelope ghand l-attur.

L-Appell

3. Permezz ta' rikors ta' appell prezentat fid-9 ta' Mejju 2013 l-attur qed jitlob li din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba[1], tirrevokaha

[1] Li permezz taghha huwa kien talab li l-kawza tigi appuntata ghas-smigh fit-terminu stabbilit fl-Artikolu 22C[4] tal-Kap. 101, liema talba kienet giet milqugha

inkwantu laqghet biss in parte t-tieni u t-tielet talbiet tieghu u minflok, tilqa' l-istess talbiet fl-intier taghhom partikolarment billi tordna r-rilaxx tal-flejjes konfiskati; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

4. Min-naha tieghu l-konvenut prezenta risposta fit-3 ta' Gunju 2013 li permezz taghha qed jitlob li, ghar-ragunijiet hemm indikati, l-appell tal-attur jigi michud; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> 1. "*Illi l-esponent kien gie mressaq quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu:*
>
> "*Talli f dawn il-Gzejjer fil-hamsa (5) ta' Settembru 2003 u matul l-ahhar sitt (6) xhur qabel dina d-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:*
>
> "*(a) Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (raza tal-cannabis) f' dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li jippromwovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assocjazzjoni;*
>
> "*(b) Biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;*
>
> "*(c) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-artiklu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma' kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;*

"*(d) U talli kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh;*

*2. "Illi l-Qorti giet mitluba tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-proprjeta' mobbli kollha li jkunu proprjeta' tieghu u li tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli skond l-Artikolu 22A(1) tal- Kap. 101 tal-Ligijiet ta Malta;*

*3. "Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif presjeduta mill-Magistrat Dottor Saviour Demicoli LL.D., M. Phil, tal-hdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) (Kopja hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok AZ1****), fuq ammisjoni tieghu stess, l-esponent kien gie misjub hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u gie kkundannat ghal piena komplessiva ta' sitt (6) snin u tmien (8) xhur prigunerija u tlett elef u tmin mitt lira Maltin (Lm 3,800) multa;*

*4. "Illi, inoltre l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sentenza taghha hawn fuq citata, ordnat "il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra ta' l-imputat Ambrose Zammit", kif ukoll il-konfiska favur l-istess Gvern ta' Malta ta' telefon cellulari tal-marka Nokia (immarkat fil-proces-verbal ezebit fl-atti tal-process bhala Dok. JP1) u envelop abjad kontenenti tmin mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm895) ilkoll go envelope kannella (immarkat fil-proces-verbal ezebit fl-atti tal-process bhala Dok. JP3);*

*5. "Illi l-esponent intavola appell minn din l-istess sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;*

*6. "Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, kif presjeduta mill-Onor. David Scicluna LL.D., Mag. Jur. (Eur. Law)* ***tad-disgha (9) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007)****, (Kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok* ***AZ2****) l-appell ta' l-esponent gie michud u s-sentenza appellata giet konfermata fi-intier taghha u ghaldaqstant ghaddiet in gudikat;*

*7. "Illi ghalhekk prezentament, l-beni mobbli u immobbli kollha ta l-esponent jinsabu konfiskati favur il-Gvern ta Malta, in vista tal-prezunzjoni juris tantum naxxenti mill-provvedimenti tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta Malta, li dawn il-beni huma profitti jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn qorti tal-gustizzja kriminali) u/jew proprjeta' akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk;*

*8. " Illi l-esponent jixtieq jipprevalixxi ruhu, minn dak li jinsab dispost fi-Artikolu 22C tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana stante li l-proprjeta' mobbli u immobbli milquta bl-ordni ta' konfiska la huma profitti jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta Malta u lanqas hija proprjeta' akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk;*

> 9. “*Illi kif diga’ rrizulta mix-xhieda mghotija, l-provi migjuba quddiem il-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, l-esponent dejjem kellu xoghol fiss u stabbli u d-dhul tieghu minn tali impjieg, jiggustifika l-akkwist tal-mobbli u l-immobbli konfiskati da parti tieghu;*
>
> 10. “*Illi ukoll jigi rilevat li numru ta’ beni mobbli u immobbli gew akkwistati mill-esponent ferm qabel iz-zmien li fih sehhew ir-reati addebitati lilu jew f’certi kazi wara li kienu nbdew l-proceduri penali fil-konfront tieghu;*
>
> 11. “*Illi ghalhekk, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, il-proprjeta’ ta’ l-esponent ma gietx akkwistata minnu b’konsegwenza ta xi ghemil bi ksur tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;*
>
> “*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha:*
>
> 1. “***Tappunta** dan ir-rikors ghas-smiegh entro t-terminu stabbilit ai termini ta’ l-**Art. 22C(4)** tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta Malta;*
>
> 2. “***Tiddikjara** illi kull proprjeta’ mobbli jew immobbli, kkonfiskata mill-esponent permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali moghtija fil-hdax (11) ta’ Settembru 2006, li saret defenittiva u res iudicata permezz tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali moghtija fid-disgha (9) ta’ Frar 2007, ma hijiex profitti jew qliegh mill-ghemil ta’ xi reat taht l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta) u lanqas proprjeta’ akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta’ xi profitti jew dhul bhal dawk u dan ai termini ta l-**Art. 22C (1) et seq** tal- Kap. 101 tal- Ligijiet ta’ Malta;*
>
> 3. “***Tordna** it-thassir ta’ l-ordni ta’ konfiska maghmula fil-proceduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison u Spettur Chris Pullicino ) vs Ambrose Zammit (App Nru.. 292/06 DS) fir-rigward ta’ l-istess propjeta’ mobbli u immobbli hekk sekwestrata;*
>
> “*u dan taht kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.”*

“Rat illi il-Qorti appuntat ir-Rikors Promotorju ghas-smiegh fil-5 ta’ Gunju 2007;

“Rat li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija kien notifikat bir-Rikors Promotorju u bl-avviz tas-smiegh;

“Rat ir-risposta guramentata ta’ l-intimat Kummissarju tal-Pulizija, tal-24 ta’ Mejju 2007, li taqra hekk:

> 1. “*Illi t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda;*

2. “*Illi bla pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent ghandu jgib prova konkreta u sodisfacenti li l-provenjenza tal-oggetti li taghhom qed jitlob ir-rilaxx m'hix rizultat ta' profit jew dhul mill-ghemil tar-reat li tieghu ir-rikorrent instab hati jew proprjeta'akkwistata jew miksuba, direttament jew inderettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk;*

3. “*Illi in vista tas-suespost l-esponent m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;*

4. “*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;*

5. “*Illi ghal kull buon fini l-fatti kif inhuma maghrufa mill-esponenti huma dawk kif elenkati mir-rikorrent fl-ewwel sitt paragrafi tar-rikors tieghu.”*

“Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

“Rat id–dokumenti ezebiti;

“Rat id-digriet tal-5 ta' Gunju 2007, illi permezz tieghu l-Qorti innominat lill-Assistant Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, illum Magistrat;

“Rat id-digriet tas-19 ta' Settembru 2008 , illi bih gie sostitwiet Dr. Michael Camilleri bhala Assistent Gudizzjarju;

“Rat id-digriet tat-2 t'April 2009, illi bih giet sostitwita bhala Perit Legali Dr. Lydia Abela;

“Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Ambrose Zammit tat-30 ta' Settembru 2010;

“Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-23 ta' Novembru 2010;

“Rat ir-relazzjoni tal-Peri Legali Dr. Lydia Abela ipprezentat fl-14 ta' Marzu 2012 u mahluf fl-14 ta' Gunju 2012;

“Rat id-domandi in eskussjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-31 ta' Lulju 2012;

“Rat ir-risposti tal-Perit Legali Dr. Lydia Abela prezentati u mahlufa fl-24 t'Ottubru 2012;

“Rat l-atti tal-kaz;

“Semghet it-trattazzjoni;

“**<u>Ikkonsidrat:</u>**

“**Provi**

“Illi mill-provi prodotti u precizament mill- affidavit tal-attur a fol 47 jirrizulta illi

“Ambrose Zammit beda jahdem ta’ sittax jew sbatax -il sena gewwa s-Selmun Palace Hotel,kien jahdem ukoll ma huh Darren u missieru billi bnew dar b’garaxx gewwa l-Mellieha li nbieghet lil certu Twanny. Missier Zammit tah sehmu mir-rikavat ta’ dan il-bejgh, l-attur ta parti minn dawn il-flus lil ohtu, Priscilla Ellul, li kienet halsitlu depositu fuq karozza tal-ghamla Seat Ibiza. Fl-1995 beda jahdem mar-Ramla Bay Hotel fuq bazi *full-time*. Parti mill-flus li kien jaqla gew depozitati il-Bank of Valletta. Dawn id-depoziti kienu isiru mill-genituri tieghu li anka gieli ghenuh finanzjarjament. Wara l-imjieg mar-Ramla Bay Hotel beda jahdem *full-time* mad-Danish Village. Apparti s-Selmun Palace fejn kien impjegat *part-time*, l-attur kien biezel u jfittex li jaghmel *overtime*. Illi huwa baqa’ impjegat mad-Danish Village sal-sal- arrest tieghu fil-5 ta’ Settembru 2003.

“Dakinhar li gie arrestat kien cempel lil Godwin Agius “Maksar”, li qallu li seta’ jgiblu tmien sapuniet raza tal-kannabis. Huwa sarraf elfejn u tmien mitt lira Maltin (Lm2800), mill-Bank, tahom lil “Maksar” li minn naha tieghu tah d-droga. Kif hareg mill-garage sab lill-pulizija li wettqu tfittxija fil-karru u sabulu t-tmien sapuniet raza tal-kannabis. Il-Pulizija wettqu tfittxija fir-residenza tieghu minn fejn sabu u elevaw sebgha bicciet ohra tal-kannabis . Zammit xehed li nforma lill-Pulizja li kellu flus fil-kamra tieghu u gew elevati, tmien mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm895) (Dok AZ4- *Seizure Note* fir-rigward ta’ flus kontanti). Ambrose Zammit sostna:

> “ ***“Dawn il-flus kienu kollha parti mill-pagi li kont ndahhal u li kont inzomm parti d-dar. Kif arrestawni haduli l-mobile tad-ditta Nokia (Dok AZ3- Seizure Note fir-rigward ta’ telefon cellulari tal-marka Nokia).”***

**(vide fol 362)**

“L-attur sostna illi l-avukati tieghu kienu talbu ghar-rilaxx tal-flejjes elevati ghal ghejxien tieghu. Kienu talbuh jigbor il-*pay slips* tal-ahhar tlett snin. Zammit xehed illi l-Assistant Kummissarju Neil Harrison kien oggezzjona ghar-rilaxx tal-flus minhabba li kienet inbieghet il-karozza tieghu u il-ghaliex kellu prova illi il-provenjenza tal-flus kienu mid-drogi.

“Zammit ikkonferma d-dettalji tal-assi tieghu kif jirrizultaw mir-rapport tal-perit legali Dr. Vincent Galea (Dok. KTP2 a fol 18) bil-caveat pero fir-rigward tal-kont BOV 15304514012, “dana llum ovvjament fih somma akbar; il-BOV *Loan Account* thallas kollu; u l-*Credit Card* ukoll giet imhallsa u suppost giet ikkancellata.” (vide fol 362)

"L-attur kompla jixhed is-segwenti:

"***"Jien proprjeta' immobbli ma kellix pero' meta miet il-papa' kont writt sest indiviz tad-dar ta' ommi u missieri. Il-karozza msemmija fir-rapport kienet ghada bid-dejn meta beda l-kaz pero' llum giet imhallsa kollha. Dwar il-mutur tal-ghamla Suzuki dan kont bieghtu xi sebgha snin ilu u sirt naf li ma sarx it-transfer meta gie ezebit ir-rapport tal-perit legali.***

"***Il-flus li kont indahhal kollha jirrizultaw mill-pay slips li ezebejt u mir-returns tat-Taxxa tieghi, kif jistghu jikkonfermaw l-employers tieghi kollha. L-ewwel darba li xtrajt id-droga kien mill-paga tieghi mbaghad spiccajt inbiegh izda gieli kelli mmiss il-paga tieghi biex nixtri droga ohra. Meta gejt arrestat fil-fatt kont qieghed nohrog minn gewwa kif jigri lil kull min imiss id-droga. L-affarijiet l-ohra tieghi kollha gew mix-xoghol li hdimt u b'self mill-banek. Mid-dokumenti li ezebejt (Dok AZ5 sa Dok AZ24) jidher bic-car l-income li kelli u kif dak kollu li ghandi gej minn dan l-istess income. L-elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) li qeghdin f'kont fl-Bank of Valletta gew minn bejgh tal-mutur Suzuki. Kont bieghtu ghal elf u sitt mitt lira Maltin (Lm 1600) lil certu Stephen. Il-flus waslu xi xahar wara; it-transfer ma nafx sarx qabel jew wara li kien tani l-flus. Dawn kien taghhomli cash.***

"***Is-sitt elef Lira maltin (Lm6000) li hemm f'kont iehor tal-Bank of Valletta gew minn cekk mahrug minn Gasan Insurance. Ic-cekk kien ta' sitt elef u sitt mitt lir a Maltin (Lm6600) u dan hareg fuq missieri peress li l-karozza kienet fuq ismu. Fil-verita' l-karozza (Seat Ibiza) kienet tieghi u ghalhekk il-flus tqieghdu fil-kont tieghi. Dwar il-kont tat-tip savings, ghalkemm fir-rapport tal-perit legali jissemma s-somma ta'disgha u tmenin lira Maltin ( Lm89), jien kont tajt istruzzjonijiet lil Bank sabiex l-interessi li jakkumulaw fuq il-kontijiet l-ohra jigu depozitati f'dan il-kont li llum fih bejn wiehed u iehor elf lira Maltin (Lm1000)."*** **Ibid a fol 342-343**

"Mix-xhieda tal-Ispettur Chris Pullicino a fol 56 et seq jirrizulta illi fil-5 ta' Settembru 2003 kienet waslitlu informazzjoni illi gewwa Danish Village kellu jsir negozju ta' kwantita' ta' droga bejn Ambrose Zammit u Godwin Agius. Ambrose Zammit kien ammetta li t-tmien blokkok kienu tieghu. Kienet saret tfixxija fid-dar u fil-vettura ta' Ambrose Zammit fejn instabet ukoll bicca rezina tal-kannabis ohra li huwa ammetta li kienet tieghu.

"Mix-xhieda ta' Ps 1355, Cleon Purshouse a fol 58 et seq jirrizulta illi, fuq istruzzjonijiet tal-Assistent Kummissarju Neil Harrison, hu, flimkien ma' Ps 765 Sammy Attard, kienu wettqu tfittxija fid-dar ta' Ambrose Zammit ('Daffodils and Roses, Triq l-Izbark tal-Francizi, Mellieha). Ps 765 kien eleva minn gol-gwardarobba tal-kamra tas-sodda tal-akkuzat zewg pakketti tas-sigaretti li go fihom kien hemm erbghatax –il (14) il-bicca suspettata raza tal-kannabis mqieghda fil-foil u mill-istess gwardarobba giet elevata ukoll bicca karta b'diversi ismijiet fuqha, kif

ukoll is-somma tmien mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm895). Ambrose Zammit kien prezenti tul it-tfittxija kollha.

"Mix-xhieda ta' Marica Micallef, Manager ma' Mellieha Holiday Centre, a fol 76, jirrizulta illi Ambrose Zammit kien impjegat ma' Mellieha Holiday Centre mill- 15 ta' April 1996 sal-5 ta' Settembru 2003.

"Hija ddiskriviet lill-Zammit : ***"he was a hard working boy. Jiddispjacini illi tliftu ghax kien jahdem tajjeb."*** Gew ezebiti Dok MM1 sa Dok MM8 konsistenti fi *FS3s* tal-istess Ambrose Zammit kif ukoll informazzjoni ta' meta beda l-impjieg mal-kumpanija.

"Mix-xhieda ta' Joe Montesin, impjegat ma General Company Limited, a fol 78, ezebixxa Dok JMI sa JM5, konsistenti fil-formula ta' bidu tal-impjieg ta' Ambrose Zammit kif ukoll tliet *FS3s* ghas-snin 2004 sa 2006. L-attur beda l- impjieg fit-8 ta' Marzu 2004.

"Mix-xhieda ta' Patrick Vella, impjegat ma John Vella & Company Limited, a fol 84, jirrizulta illi l-attur hadem mal-kumpanija taghhom mid-9 ta' Jannar 1995 sal-11 ta' Frar 1995 fuq bazi *part-time*. Gew ezebiti tlett *pay slips* ta' bejn Jannar u Frar li juru kif Ambrose kien jithallas. (Dok. PV).

"Philip Bonnici a fol 86, ghall-ETC, ezebixxa Dok PB a fol. 123, l-*employment history* ta' Ambrose Zammit.

"Mix-xhieda ta' Agnes sive Ines Zammit a fol 88 et seq, omm Ambrose Zammit, jirrizulta illi Ambrose, flimkien ma' missieru u huh, kienu bnew dar b'garaxx li nbieghet lil certu Twanny. Agnes Zammit ezebit Dok. IZ1 (a fol 108) kopja ta' kuntratt ta' bejgh redatt min-Nutar Dr. John Debono. B'referenza ghal cekk mahrug minn Gasan Insurance ikkonfermat illi l-karozza kienet tat-tifel izda peress li dan ma kellux wiehed u ghoxrin (21) sena, il-karozza giet registrata fuq ir-ragel taghha. Ikkonfermat :

> "***"Din il-karozza nsterqet u l-insurance kienu tawna sitt elef lira Maltin (Lm6000) u fuqhom pero' jiena u r-ragel konna ddepozitajna dan l-ammont fil-kont tat-tifel. Qed issirli referenza ghar-rapport tal-perit legali Dr. Vincent Galea fejn hemm miktub illi Ambrose huwa registrat bhala konsumatur ta' l-eletriku fil-fond 'Daffodils & Roses' u nghid illi l-post kien tieghi u ta' zewgi u noqoghdu fih jiena u Ambrose. Ghall-kuntrarju ta' dak imnizzel fir-rapport qed nezebixxi diversi kontijiet mibghuta mill-Enemalta Corporation liema kontijiet huma ndirizzati fuqi (Dok. IZ4 sa IZ6 a fol 116). Ilum it-tifel ghandu sehem fid-dar fis-sens illi ghandu l-wirt ta' missieru. Sehmu huwa ta' 1/6 u dan huwa kkonfermat fid-Dok. IZ7 (a fol 120) li huwa dikjarazzjoni causa mortis fi-atti tan-Nutar Dr. John Debono."*** **(vide xhieda a fol 343 u 344)**

"Ikkonfermat li Ambrose kien impjegat is-Selmun Palace, il-Mellieha Bay Hotel, Ramla Bay, id-Danish Village kif ukoll ma' John Vella & Company Limited. Ikkonfermat illi binha kien izomm parti mill-paga

ghal bzonnijiet tieghu, u cioe' ghall-ispejjez li kienu jinqalghu, u jiddepozita l-kumplament l-bank.

"Fil-perjodu tal-arrest ta' binha meta allura ma setax jahdem, hija hallsitlu il- *loan* tal-karozza, l-*insurance* u l-*income tax*.Binha reggha beda jahdem fil-5 ta' Marzu 2004 ma' General Company Limited. Ikkonfermat illi binha kellu wkoll mutur li gie mibjugh.

"Mix-xhieda tal- Assistent Kummissarju Neil Harrison a fol 154 et seq jirrizulta illi, d-droga nstabet fil-pussess ta' Ambrose Zammit fuq il-post tax-xoghol tieghu, u cioe', id-Danish Village, u fir-residenza tieghu. Ambrose Zammit xehed fil-kawza ta' Godwin Agius fis-27 ta' Jannar 2005. Qabel dan il-kaz il-pulizja qatt ma kellhom informazzjoni relatata mad-droga fil-konfront tal-attur.

"Carmel Spiteri, impjegat ta' General Company Ltd , xehed illi,l-attur kien l-ahjar haddiem mill-ahjar: **"Li tghidlu jaghmel u jekk kien hemm bzonn xoghol ta' *overtime* kien jaghmlu wkoll. Qatt ma rajt komportament hazin minnu." (vide fol 156)**

"Mix-xhieda ta' Abraham Zammit, l-Agent Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, a fol 156 u 157, ikkonferma illi l-attur kien gie ikkundannat sitt (6) snin prigunerija. Il-kondotta tieghu kienet wahda konsistentement tajba (vide Dok.AZ1 *Inmates Behaviour Report*, a fol 160) L-attur kien hadem bhala *storeman*, bhala assistent *fit-tuck shop* u kien ghamel xoghol volontarju ta' tindif u manutenzjoni. Waqt li kien il-habs, l-attur attenda l-iskola minn Lulju 2007. Skond ir-rapport tal-Co-ordinator (Dok AZ2 a fol 161) l-attur wera certu maturita' u kien mar tajjeb fil-lezzjonijiet.

"Joe Borg Cardona, impjegat mal-Bank of Valletta ezebixxa sitt kontijiet u l-istatements tal-attur :

"Dok. JBC1 huwa savings account ;Dok. JBC2 huwa fixed one year term account; Dok. JBC3 huwa fixed one year term account (dawn hemm flus fihom u huma blocked); Dok. JBC4 (business) loan account maghluq ;Dok. JBC5 (consumer) loan account maghluq ;Dok JBC6 (consumer) loan account maghluq.

"Mix-xhieda ta' Alfred Vella, Direttur ta' John Vella and Co Ltd,a fol 229 jirrizulta illi,l-attur kien impjegat mas-socjeta' tieghu ghal xi perjodi fix-xitwa. Vella ikkonferma illi l-attur kien haddiem puntwali u obbidjenti.

"Mix-xhieda ta' Stephen Cachia, impjegat ma ADT, jirrizulta illi,l-attur kellu zewg vetturi registrati f'ismu : FAR558 Suzuki 125 *motorcycle* u JBC013 Honda CRX. Il-mutur kien registrat l-ewwel darba fuq isem l-attur fl-4 ta' Settembru 1996 u l-ahhar licenzja mhallsa kienet fl-1998. Il-karozza giet registrata fuq l-attur fl-20 ta' Ottubru 1999 u l-ahhar licenzja giet imhallsa fis-sena 2005. Cachia ikkonferma ukoll illi l-vettura

Honda CRX kienet giet iggaraxxjata fl-4 ta' Ottubru 2005 ghal perjodu konsiderevoli (vide Dok SC2 a fol 255 u fol 235 *).*

"Mix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Neil Harrison a fol 235, jirrizulta illi l-attur irrilaxxa statment mal-Pulizija li kien guramentat quddiem il-Magistrat Inkwerent u ddepona fil-proceduri kontra Godwin Agius. L-Assistent Kummissarju sostna illi l-attur kien konsistenti fil-verzjoni tieghu.

"Fis-seduta tas-19 ta' Jannar 2009, l-avukat Dr. Franco Galea ezebixxa kopja tax-xhieda moghtija mill-attur nhar is-27 ta' Jannar 2005 fil-proceduri kontra Godwin Agius (Dok. FG1 a fol 236) kif ukoll kopja tax-xhieda moghtija mill-Ispettur Chris Pullicino fl-istess proceduri (Dok FG2 a fol 246) u kopja tal-istqarrija ta' Clayton Camilleri fl-istess proceduri (Dok FG3 a fol 252).

"Illi fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2009 il-Qorti ordnat lill-intimat sabiex jipprezenta nota illi permezz taghha kellu jindika fejn ma jaqbilx mar-rikors guramentat ghal dak li huma l-oggetti konfiskati skond il-ligi.(vide fol 264)

"Illi b'nota pprezentata fit-30 ta' Marzu 2009 (a fol 265), il-Kummissarju tal-Pulizija indika illi is-segwenti hwejjeg , mobbli u immobbli illi kellhom jibqghu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta:

"**1. Telefon cellulari tal-marka *Nokia* li jifforma parti *mill-corpus delicti;***

"**2. Vettura Honda CRX li tifforma parti mill-*corpus deliciti* u fejn instabet ukoll bicca rezina tal-kannabis;**

"**3. Flus fl-ammont ta' tmien mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm895) li gew elevati mir-residenza tal-attur minn go gwardarobba fejn kien hemm ukoll bicciet tal-kannabis *fil-'foil';***

"**4. Depoziti bankarji fil-kontijiet bankarji tal-attur, relattivi ghall-perjodu bejn il-*5* ta' Marzu 2003 sal-*5* ta' Settembru 2003.**

"Dr. Franco Galea, kien irrileva li l-vettura indikata ma kinitx *corpus delicti* u li ma saritx talba ad hoc lill-Qorti Kriminali fuq l-istess. L-avukat talab sabiex l-intimat jindika b'mod specifiku ghal liema depoziti qed jirreferi.

"Illi b'nota pprezentata fis-16 ta' April 2009,a fol 271, il-Kummissarju tal-Pulizija waqt li ghamel referenza ghal Dok. JBC1 li tinstab a fol 183 et seq (savings account tal-attur, ezebit mix-xhud Joe Borg Cardona) indika li kien qieghed jikkontesta s-segwenti depoziti:

**"- Depozitu tat-13 ta' Marzu 2003 fl-ammont ta' Lm400;**
**- Depozitu tas-27 ta' Marzu 2003 fl-ammont ta' Lm178.64;**
**- Depozitu tat-3 ta' April 2003 fl-ammont ta Lm265.36;**
**- Depozitu tas-16 ta' April 2003 fl-ammont ta' Lm100;**
**- Depozitu tat-30 ta' April 2003 fl-ammont ta' Lm140;**
**- Depozitu tad-19 ta' Mejju 2003 fl-ammont ta' Lm102.42;**
**- Depozitu tat-31 ta' Mejju 2003 fl-ammont ta' Lm70;**
**- Depozitu tat-31 ta' Mejju 2003 fl-ammont ta' Lm197.18;**
**- Depozitu tat-12 ta' Gunju 2003 fl-ammont ta' Lm153.82;**
**- Depozitu tat-25 ta' Gunju 2003 fl-ammont ta' Lm100;**
**- Depozitu tal-11 ta' Lulju 2003 fl-ammont ta' Lm179.54;**
**- Depozitu tal-25 ta' Lulju 2003 fl-ammont ta' Lm197.42;**
**- Depozitu tat-8 ta' Awissu 2003 fl-ammont ta' Lm189.22;**
**- Depozitu tat-25 ta' Awissu 2003 fl-ammont ta' Lm171.85;**
**- Depozitu tal-25 ta' Awissu 2003 fl-ammont ta' Lml,100.**

"Fix-xhieda tieghu, Paul Sciberras , impjegat ma' Gasan Mamo Insurance plc, a fol 290, ikkonferma pagament li sar mis-socjeta' Gasan Mamo lil **John Zammit** rigward vettura Seat, b'cekk li nhareg fl-4 ta' Dicembru 1998. Huwa sostna illi sar pagament ta' hmistax il-elf tlett mitt ewro u hamsa u tmenin centezmu (€15,300.85c) (Dok. PS 1), lil John Zammit in segwitu ta'*claim* rigwardanti serq tal-vettura Seat Ibiza.

"Illi in kontro ezami l-attur Ambrose Zammit xehed illi originarjament kien xtara sapuna shiha ta' raza tal-kannabis ghalih innifsu bi prezz ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) biex jiffranka mill-piz finanzjarju minhabba id-dependenza tieghu. Sussegwentement beda ibiegh bicciet minn din is-sapuna.

> ***"Nammetti li qbadt triq hazina. Kont inbiegh ounce ghal Lm60-Lm65. Minn din is-sapuna hrigt tmienja jew disa' bicciet. Din il-procedura ghamilta seba' jew tmien darbiet fuq medda ta' erba' xhur. Qlajt bejn elf u hamest mitt lira Maltin (Lml,500) / elf u tmien mitt lira Maltin (Lml,800) massimu. Jien ghandi delizzju narma l-karozza tieghi. Ghamilt spiza fuq il-karozza tieghi ta' madwar elf u tlett mitt lira Maltin ( Lml,300). Jien kont nahdem dak iz-zmien. Ma jidhirlix li wzajt dawn il-flus biex irrangajt il-karozza. Kelli mutur li xtrajtu meta kelli wiehed u ghoxrin (21) sena. Ta'tnejn u ghoxrin 22 sena kelli accident bih. Bieghejtu wara l-accident; fuqu kelli loan."***
> **(vide fol 293)**

"In ri-ezami , l- Assistent Kummissarju Neil Harrison xhed illi b'referenza ghan-nota pprezentata fis-16 ta' April 2009, id-depoziti kollha indikati fin-nota saru fil-perjodu indikata fl-akkuza. Jidher li kienu "cash deposits" u ma kienx hemmx spjegazzjoni tal-provenjenza ta' dawn l-ammonti. (vide fol 294)

"Fix-xhieda tieghu, Darren Zammit, hu l-attur, (a fol 297), sostna illi, missieri gie nieqes fis-16 ta' Awissu 2003. Illi huma kienu tlett itfal, zewg subien u tifla (Priscilla). Wara il-mewt ta' missieru , ommu kienet

qasmitilhom xi flus u tathom madwar elf lira maltin (Lm 1,000) kull wiehed. “Dan kien xi gimgha wara li miet il-papa taghna.”

“**Ikkonsidrat:**

“Din il-Qorti, kif diversament preseduta, kienet appuntat ir-rikors datat 8 ta’ Mejju 2007 ghas-smiegh fil-5 ta’ Gunju 2007 u ghalhekk entro t-terminu stabbilit ai termini tal-Artikolu 22C (4) tal-Kap. 101 u cioe’ entro tletin (30) gurnata. Ghaldaqstant l-ewwel talba tar-rikorrenti intlaqghet minn dik il-Qorti.

“Illi ghar-rigward tat-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent, nonostante l-volum kbir ta’ provi migbura, jidher illi l-kontestazzjoni bejn il- partijiet giet ridotta ghal dak elenkat f’zewg noti tal-Kummissarju tal-Pulizija , u cioe’ n-nota tat-30 ta’ Marzu 2009 (fol 265*)* u n-nota tas-16 ta’ April 2009 (fol 271).

“Infatti, eccetto dejjem l-oggetti imsemija fin-noti indikati, l-Kummissarju tal-Pulizija, fil-mori tal-kawza, ikkonkorra mat-tezi tal-attur, li l-proprjeta’ mobbli u immobbli ohra tal-attur kellhom jigu rilaxxati a favur tal-istess, stante li dawn il-beni (gia konfiskati favur il-gvern), **kienu jappartjenu lill-attur u effettivament ma kienux profitti jew qliegh mill-ghemil ta’ xi reat**. Dan jirrizulta car daqs il-kristall minn nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-Kummissarju tal-Pulizija (fol 321).

“Illi ghar-rigward tat-telefon cellulari tal-marka *Nokia,* ir-rikorrent stess fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu (a fol 313) ammetta li dan it-telefon cellulari jikkostitwixxi parti mill- *corpus delicti .* **Il-Qorti tqis li dan t-telefon cellulari tal-marka *Nokia* ghandu jibqa’ hekk konfiskat favur il-Gvern ta’ Malta**.

“Illi ghar-rigward tal-vettura *Honda CRX* bin-numru ta’ registrazzjoni JBC 013, l-attur fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu kif ukoll waqt it-trattazzjoni kkontesta tali konfiska ghas-segwenti ragunjiet:

1. “L-vettura ma tikkostitwixxix *corpus delicti,*

2. “L- vettura ma tistax titqies li hija frott ir-rikavat mir-reat ta’ traffikar ta’ droga.

“Minn naha l-ohra l-Kummissarju tal-Pulizija, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu u waqt it-trattazzjoni, sostna illi l-vettura ghandha titqies bhala *corpus delicti.*

“**Ikkonsidrat:**

“Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-ordni tal-konfiska ippronunzjata fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ambrose Zammit,** deciza fil-11 ta' Settembru 2006, kif konfermata, kienet wahda cara li **individwalizzat il-konfiska ta' Dok JP1 (mobile phone *Nokia)* u ta' Dok JP3 (envelope abjad kontenenti tmien mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm895)).**

“Jidher pacifiku ukoll illi matul il-proceduri kriminali kollha, din il-vettura ma gietx elevata jew sekwestrata mill-Pulizija, jew ezebita formalment fl-atti processwali, anzi thalliet fil-pussess tar-rikorrent illi baqa' jhallas is-self fuqha lill-bank. Mas-sentenza finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-attur qafel tali vettura f 'garaxx. (vide xhieda ta' Stephen Cachia , a fol 234) li jghid illi l-vettura *Honda CRX* giet iggaraxxjata fl- 4 ta' Ottubru 2005 sa 2009 (Dok SC2 a fol *255).*

“Kif gie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija** vs **Francis Aquilina u Patrick Xerri** (per Onor. Imhallef Vincent Degaetano, 7 ta' Lulju 1995) :

> “***“Essendo konsegwenza tal-piena stabbilita mill-ligi ghad-delitti, l-prassi fil-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ta' dawn il-Gzejjer dejjem kienet li lanqas hemm bzonn li l-konfiska tigi espressament imsemmija fis-sentenza ghax tali konfiska isehh awtomatikament purche', naturalment, li jikkonkorru l-elementi l-ohra kollha imsemmija u li l-istrument in kwistjoni jkun gie esebit taht l-awtorita' tal-Qorti.”***

“Fil-kaz in ezami, s-***Seizure Note*** rilaxxata mill-Kummissarju tal-Pulizija, isemmi **biss** t-telefon cellulari *Nokia* (Dok AZ3) u l-flus kontanti fl-ammont ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm185) (Dok AZ4) . **Ghaldaqstant l-vettura *Honda CRX* mhux biss ma gietx maqbuda mill-pulizija izda lanqas ma giet ezebita taht l-awtorita' tal-Qrati Kriminali.**

“**Ghaldaqstant ma jikonkorrux l-elementi ghal-konfiska tal-vettura *Honda CRX* skond il-ligi .**

“Ghal dak li jirrigwarda l-flus kontanti fl-ammont ta' tmien mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm895), il-Qorti taghmel referenza ghal pagna 349 tal-process u l-konkluzzjonijiet tal-Perit Legali Dr. Lydia Abela, li **din il-Qorti taqbel perfettament maghhom u taghmilhom taghha. Ghalhekk it-talba tal-attur rigwardanti dawn il-flejjes (tmien mija u hamsa u disghin lira Maltin (LM 895)) hi michuda**.

“Ghar-rigward id-depoziti fil-kontijiet bankarji tal-attur, l-Kummissarju elenka d-depoziti kollha li saru fil-kontijiet in kwistjoni fil-perjodu inkriminat (u cioe' l-5 ta' Settembru 2003 u matul l-ahhar sitt xhur ta' qabel) bl-eccezzjoni tal-pagamenti ta' interessi fuq is-somom depozitati mill-Bank of Valletta p.l.c.

"Kif gie ritenut fis-sentenza **Nazzareno Abela vs Kummissarju tal-Pulizija**, Qorti Civili Prim'Awla, per Onor. Imhallef Joseph R. Micallef, deciza fis-6 ta' Ottubru 2005:

" ***"jaqa 'fuq il-persuna li titlob it-tnehhjja tal-ordni tal-konfiska li tressaq il-provi taghha fi grad bizzejjed biex titwemmen li l-gid li trid li jinheles mill-konfiska, ma kienx miksub minn flejjes jew qliegh marbutin minn profitt jew dhul minn ghemil ta' reat. Ladarba l-procediment gie mahsub mil-legisiatur li jinstama' minn Qorti ta' kompetenza civili u ladarba l-ligi nnfisha tghid li dwar kull procediment bhal dan japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tai-Organizzazzjoni u Procedura Civili, huwa naturali ghalhekk li wiehed jistenna li l-grad ta' prova mressqa jkun wiehed li joqghod ghall-procediment ta' natura civili u mhux dak rigoruz tal-procediment penali."***

"Irid isir accenn ghal fatt illi l-attur ta' spjegazzjoni tad-depoziti bankarji elenkati mill-Kummissarju fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, izda ma xehdtx viva voce dwarhom. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur jaghti il-provenjenza tad-depositi bankarji tieghu:

"***"• Depozitu tas-27 ta' Marzu 2003 fl-ammont ta' Lm178.64- Cheque nru. 189096 for pay period 03/03-16/03 2003 — Dok AZ24 mar-rikors promotur***

"***• Depozitu tat-3 ta' April fl-ammont ta' Lm256.36- Cheque nru. 189159 for pay period 17/03-30/03/2003- Pay date 02/04/2003- Dok AZ24 mar-rikors promotur***

"***• Depozitu tas-16 ta' April 2003 fl-ammont ta' Lml00- Cheque for pay period 31/03-13/04/2003 fi-ammont ta' Lm137.83- Pay date 15/04/2003- Dok AZ24 mar-rikors promotur***

"***• Depozitu tat-30 ta' April 2003 fl-ammont ta Lm140- Cheque nru. 189279 fl-ammont ta' Lm 191.72 - Pay period 14/04-27/04/2003- Pay date 29/04/2003- Dok AZ24 mar-rikors promotur***

"***• Depozitu tad-19 ta' Mejju 2003 fl-ammont ta' Lm102.42- Cheque nru. 189347 fl-ammont ta' Lm197.42- Pay period 28/04-11/05/2003- Pay date 13/05/2003- Dok AZ24 mar-rikors promotur***

"***• Depozitu tal-31 ta' Mejju 2003 fl-ammont ta' Lm197.18- Cheque nru. 189404- Pay period 12/05-25/05/2003- Pay date 27/05/2003- Dok AZ24 mar-rikors promotur***

"***• Depozitu tat-12 ta' Gunju 2003 fl-ammont ta' Lm153.82- Pay period 26/05- 08/06/2003- Pay date 10/06/2003- Ammont tac-cekk Lm193.82- Dok AZ24 marrikors promotur***

"***• Depozitu tal-25 ta' Gunju 2003 fl-ammont ta' Lml00- Cheque nru. 189594 fl-ammont ta' Lm247.73 - Pay period 09/06-22/06/2003- Pay date 24/06/2003- Dok AZ24 mar-rikors promotur***

"***• Depozitu tal-11 ta' Lulju 2003 fl-ammont ta' Lm179.54- Cheque nru. 189660- Pay period 23/06-06/07/2003- Pay date 08/07/2003- Dok AZ24 mar-rikors promotur***

"***• Depozitu tal-25 ta' Lulju 2003 fl-ammont ta' Lm197.42- Cheque nru. 189719- Pay period 07/07-20/07/2003- Pay date 22/07/2003- Dok AZ24 mar-rikors promotur***

"***• Depozitu tat-8 ta' Awissu 2003 fl-ammont ta' Lm189.22- Pay period 21/07- 03/08/2003- Pay date 05/08/2003- Dok AZ24 mar-rikors promotur***

"***• Depozitu tat-25 ta' Awissu 2003 fl-ammont ta' Lm171.85- Cheque nru. 189844- Pay period 04/08-17/08/2003- Dok AZ24 mar-rikors promotur***

"***• Depozitu tat-25 ta' Awissu 2003 fl-ammont ta' Lml,100. Ghar-rigward ta' dan id-depozitu, l-attur isostni illi dawn il-flus gew minn somma li ommu qasmet bejn uliedha kollha wara l-mewt ta' missier l-attur. L-ispjegazzjoni tas-sors ta' dawn il-flus hija wahda plawsibbli tenut kont li missier l-attur gie nieqes fis-16 ta' Awissu 2003 u ommu qasmet tali flus xi gimgha wara li miet. Dan hu kkonfermat fixxhieda ta' Darren Zammit (vide pt. 27)."***

"Moghtija din l-ispjegazzjoni il-Perit Legali Dr. Abela ikkonkludiet :

" ***"Illi ghaldaqstant ma jreggix dak li qal l-Ispettur Neil Harrison li ma hemmx spjegazzjoni dwar minn fejn huma gejjin dawn l-ammonti ta' flus. In effetti l-attur ipprezenta l-pay slips kollha rilevanti ghall-perjodu inkriminat (Dok AZ24) kif ukoll kopja ta' Payee Statement of Earnings mahruga mis-socjeta' Mellieha Holiday Centre Limited ghal perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Dicembru 2003 (Dok AZ18), fost dokumenti ohra li l-attur ezebixxa in sostenn ta' l-introjtu tieghu.***

"***Illi l-unici depoziti li ghalihom l-attur ma pprovda ebda spjegazzjoni huma dawk in-numerati bhala 2 u 8 fin-nota tal-Kummissarju intimat. Depozitu (2) tat-13 ta' Marzu 2003 huwa fl-ammont ta' Lm400 mentri depozitu (8) tal-31 ta' Mejju 2003 huwa fl-ammont ta' Lm70. Tenut kont illi l-attur ma jaghti ebda spjegazzjoni ghal dawn id-depoziti, meta kien jinkombi fuqu li jressaq tall prova, fl-umli opinjoni tal-esponenti dawn id-depoziti ghandhom jibqghu konfiskati favur il-Gvern."*** **(vide 349 sa 351)**

"Illi din il-Qorti wara li ezaminat din il-konkluzjoni tal-Perit Legali Dr. Abela, tqis illi ma tistax tikonkorri kompletament ma tali konkluzzjoni. Dan qieghed jinghad ghaliex il-kliem tal-ligi ma jkoprix biss **il-provenjenza illecita** tal-flus izda jinkludi l-gid:

"***"<u>profitti</u> jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht din l-Ordinanza (Kap.101) ... lanqas proprjeta akkwistata jew miksuba direttament***

***jew inderettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk"***

"**(vide Artikolu 22C(1) tal-Kap.101 )**

"**Il-fatt li l-attur Ambrose Zammit kien irnexxxilu iwarrab parti sostanzjali mill-paga tieghu u jiddepozitha il-bank ghaliex kien qed jghix fuq il-gid illi ghamel bhala traffikant tad-droga, ifisser illi huwa ma kienx, bhal cittadini ohra kollha ta' dan il-pajjiz, qed jonfoq il-paga tieghu fuq il-htigijiet normali tal-hajja. Ghalhekk f'dan is-sens ghamel profit.**

"Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tastjeni mill-ewwel talba stante li gia giet milqugha, tilqa' t-tieni u t-tielet talba tal-attur Ambrose Zammit ghal dak li jirrigwarda l-proprjeta' mobbli u immobbli kollha tar-rikorrenti **bl-eccezzjonijiet segwenti li ghandhom jibqghu hekk konfiskati favur il-Gvern ta' Malta** :

1. "**Telefon cellulari tal-marka *Nokia*;**
2. "**Flus kontanti fl-ammont ta' Lm895 elevati mir-residenza tal-attur;**
3. "**Depoziti bankarji tar-rikorrenti mill-perjodu tal-5 ta' Marzu 2003, sal-5 ta' Settembru 2003, eccetto d-depozitu tal-25 t'Awissu 2003 fl-ammont ta' Lm1,100 u precizament is-segwenti depoziti bankarji:**

"**- Depozitu tat-13 ta' Marzu 2003 fl-ammont ta' Lm400;**
**- Depozitu tas-27 ta' Marzu 2003 fl-ammont ta' Lm178.64;**
**- Depozitu tat-3 ta' April 2003 fl-ammont ta Lm265.36;**
**- Depozitu tas-16 ta' April 2003 fl-ammont ta' Lm100;**
**- Depozitu tat-30 ta' April 2003 fl-ammont ta' Lm140;**
**- Depozitu tad-19 ta' Mejju 2003 fl-ammont ta' Lm102.42;**
**- Depozitu tat-31 ta' Mejju 2003 fl-ammont ta' Lm70;**
**- Depozitu tat-31 ta' Mejju 2003 fl-ammont ta' Lm197.18;**
**- Depozitu tat-12 ta' Gunju 2003 fl-ammont ta' Lm153.82;**
**- Depozitu tat-25 ta' Gunju 2003 fl-ammont ta' Lm100;**
**- Depozitu tal-11 ta' Lulju 2003 fl-ammont ta' Lm179.54;**
**- Depozitu tal-25 ta' Lulju 2003 fl-ammont ta' Lm197.42;**
**- Depozitu tat-8 ta' Awissu 2003 fl-ammont ta' Lm189.22;**
**- Depozitu tat-25 ta' Awissu 2003 fl-ammont ta' Lm171.85;**

"Bl-ispejjez kontra l-attur".

L-Aggravju

6. Fis-succint, dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti applikat il-ligi hazin billi tat interpretazzjoni wiesa' tat-terminu "profitti" uzat fl-Artikolu 22C[1] tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kap. 101] bir-rizultat li inkludiet fl-ordni tal-konfiska flejjes li l-provenjenza taghhom kienet wahda legittima, senjatament id-depoziti bankarji kollha li saru fil-perijodu li jestendi bejn it-13 ta' Marzu 2003 sal-25 ta' Awwissu 2003, kif ukoll inkludiet il-flus kontanti fl-ammont ta' LM895 li kienu fil-pussess tal-attur.

7. L-attur jispjega li mill-provi jirrizulta li hu minn dejjem kien bniedem habrieki fix-xoghol tieghu, u d-depoziti bankarji kienu jikkorrispondu mal-ammonti ta' paga li hu kien jippercepixxi regolarment mill-impjiegi tieghu, kif jirrizulta car mill-*payslips* u c-*cheques* ezebiti minnu. Dan jikkontrasta ma' dak li xehed l-Ispettur Neil Harrison li l-flus kienu *cash deposits* u li ma kienx hemm spjegazzjoni dwar minn fejn gejjin. Anke dwar is-somma ta' LM895 flus kontanti li kienet instabet fil-pussess tieghu waqt it-tfitxija, jghid li din kienet frott tal-introjtu li hu kien jircevi mix-xoghol tieghu. Jishaq li hu dejjem hadem u ghalhekk kien jippercepixxi introjtu regolari u wkoll kien ghadu jghix mal-genituri tieghu; ghalhekk, kien fil-posizzjoni li jgemma sew mill-paga tieghu. Hu jammetti pero' li fl-erba' xhur is-6 ta' Settembru 2003 huwa kien gabar bejn LM1,500 u LM1,800 mill-attività tat-traffikar tad-droga, u dawn il-flus hu kien juzahom ghall-bzonnijiet tieghu, fosthom spejjez ta' petrol u spejjez ohra ta' kuljum.

8. Huwa jissottometti li bil-konfiska tal-flus tieghu legittimament percipiti minnu, ifisser li hu kien "gie processat darbtejn u kkundannat darbtejn ghar-reati addebitati lilu".

9. Min-naha tieghu, il-konvenut fis-sustanza jirribatti li r-ragunament li fuqu l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha huwa wiehed korrett u johrog minn dak li jghid l-Artikolu 22C [1] fuq indikat, stante li flus derivanti minn attività legittima li l-konvenut seta' jgemma ghax ghal bzonnijiet tieghu kien juza' l-flus li kien idahhal mit-traffikar tad-droga, jaqghu fil-parametri ta' dak l-artikolu li l-ghan tieghu huwa li persuna ma tigix arrikkita ingustament kemm b'mod dirett kif ukoll b'mod indirett mill-profitti jew dhul marbuta mar-reat fuq indikat. L-attur jammetti li kien qieghed jghix minn fuq qliegh illecitu.

10. Il-konvenut ikompli jispjega li l-attur stess kien ammetta li kien jezercita l-attività kriminuza li taghha kien instab hati, bejn Marzu u Settembru tas-sena 2003 u matul dan il-perijodu huwa traffika tal-anqas 12 il-blokka tal-Cannabis, li skont il-figuri moghtija mill-istess attur, irrendewlu dhul ta' madwar LM7,020. Barra minn hekk, jissottometti li, skont hu, il-fatt li l-flus kontanti fl-ammont ta' LM895 kienu instabu gewwa gwardarobba ma genb bicciet tar-rezina tal-cannabis "ghandu jinghata l-importanza necessarja" minn din il-Qorti.

11. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li d-depoziti bankarji meritu tal-kawza odjerna u li huma elenkati fis-sentenza appellata jirreferu ghall-perijodu li jestendi sitt xhur sas-6 ta' Settembru 2003 ghal liema perijodu huwa kien gie misjub hati mill-qrati kriminali. Barra minn hekk il-konfiska saret abbazi tad-disposizzjonijiet[2] tal-imsemmi Kap, li jimponi l-konfiska fil-kaz ta' reati bhal dak li tieghu kien instab hati l-attur, "*b'zieda ma kull piena ohra*". Ghaldaqstant l-argument tal-attur li bil-konfiska hu kien gie processat darbtejn u wehel piena doppja huwa legalment insostenibbli, ghax Il-konfiska f'dan il-kaz hija wahda mill-konsegwenzi tas-sejbien ta' htija tar-reat ta' traffikar tad-droga kommess minnu.

12. Rigward l-argument principali formanti l-bazi tal-aggravju tal-attur, jigifieri li d-depoziti bankarji ghall-perijodu fuq indikat kellhom bazi legittima u ghalhekk ma setghux jigu milquta' bil-konfiska, din il-Qorti tosserva li dan l-argument kien diga' gie trattat fil-kaz Q.App. **Anthony Seychell v. Kummissarju tal-Pulizija** deciz fl-1 ta' Lulju 2014 fejn din il-Qorti[3] osservat:

> "Din il-qorti qieset sew dan l-argument u tara li tista' taqbel miegħu. Il-vantaġġ li jrid jieħu l-appellant mis-sors leċitu ta' dawn il-flus huwa vantaġġ marbut mal-attività illeċita tiegħu. Jirriżulta mill-provi illi l-appellant kien ilu tliet xhur ma jiġbed flus mill-bank qabel l-arrest tiegħu, li jfisser li hu kien qed jgħix minn flus kontanti li tagħhom ma ġiet ippreżentata l-ebda provenjenza leċita. Fi kliem ieħor, dawn il-flus għadhom hemm għax l-appellant inqeda bi flus ta' natura illeċita".

[2] Art.22[A][1] u 22 [3A]
[3] Diversament presjeduta

13. Il-konsiderazzjoni premessa ggib fix-xejn il-linja difenzjonali tal-attur li hu kien bniedem biezel hafna u li ghalhekk hemm spjegazzjoni tal-flus misjuba fid-depoziti bankarji elenkati fis-sentenza appellata, ghax ghalkemm il-flus originarjament kienu "nodfa" il-fatt li dawn gew mfaddla bis-saħħa ta' flus "maħmuġa" jsiru maħmuġa huma wkoll".[4] Hija din il-konnessjoni mal-flus derivanti mill-attività kriminuza li li tirrendi dawk il-flus profitt indirett bi provenjenza illegittima u ghalhekk kolpiti bl-ordni tal-konfiska skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 101.

14. Rigward l-ammont ta' LM895 li kienu instabu fil-gwardarobba uzata mill-attur, vicin pakketti tad-droga cannabis, din il-Qorti tirribadixxi[5] li:

> "………huwa l-attur li jrid jipprova li l-oggetti in kwistjoni ma jkollhomx rabta mar-reat li tieghu instab hati u li l-provenjenza taghhom hija kollha kemm hi lecita. Inoltre, kif qalet din il-Qorti fil-kawza *Bajada et v. L-Avukat Generali et*. deciza fit-28 ta' Marzu, 2014, *'il-prova trid tkun wahda cara u konkludenti, anke jekk il-grad ta' perswazjoni huwa biss fuq bazi ta' probabbilita``* (ara wkoll **Abela v. Kummissarju tal-Pulizija**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Ottubru, 2005)".

15. Fil-kaz odjern, din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida li ghaliha ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward. Il-fatt li l-flus instabu fil-post fejn l-attur kien ipoggi d-droga jista' ragjonevolment iwassal ghall-konkluzjoni li anke dawk il-flus kienu derivanti mit-traffikar tad-droga. L-attur ma ta ebda spjegazzjoni

---

[4] Q.Kos. 18/2015, *Anthony Seychell vs Kummissarju tal-Pulizija,* deciza 27 Gunju 2016
[5] Ibid

plawsibbli tal-fatt li dawn il-flus kienu mohbijin fl-istess post fejn hu kien jahbi d-droga. Din il-Qorti ghalhekk tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti.

16. Ghaldaqstant l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad l-appell, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb